**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Diċembru 2021.**

**Rikors Nru. 761/2018 GM**

**Mary Carmen Grech [K.I. 159566(M)**

**vs**

**Cheryl Anne Grech [K.I. 40094(M) u b' digriet tad-29 ta' Novembru 2018 ġie kjamat in kawża Rhys Dylan Grech [KI. 354887]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

> Iżżewġet lil Carmel sive Lino Grech fid-29 ta' Diċembru 2000. (Dokument A), minn liema żwieġ huma ma kellhomx tfal. Pero' Carmel Grech kellu żwieġ preċedenti, minn liema żwieġ huwa kellu żewġ ulied Rhys Dylan Grech u l-konvenuta Cheryl Anne Grech.

B'żewġ testmenti unica charta tal-31 ta' Jannar 2002 u 18 ta' Ġunju 2002 l-attriċi u żewġha ħallew l-uzufrutt lil xulxin tal-proprjetajiet immobbli li kellhom, iżda sussegwentement fid-29 ta' Mejju 2007, Carmel Grech, ad insaputa tal-attriċi, għamel testment ieħor waħdu li bih ħassar kull testment minnu magħmul u sempliċiment ħalla lil uliedu werrieta universali ta' kull ma kellu. (Dokument B, C u D).

Carmel Grech miet fil-21 ta' Lulju 2008 (Dokument E) b'dan għalhekk li wirtuħ uliedu Rhys Dylan Grech u l-konvenuta Cheryl Anne Grech.

L-attriċi, bħala mart l-istess u li għexet miegħu sa mewtu, għandha kemm id-dritt tal-leġittima kif ukoll għandha dritt titħallas l-ispejjeż li hija għamlet mal-mewt ta' żewgha, oltre li għandha dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali. Għal dak li jirrigwarda l-leġittima u l-ispejjeż. il-werriet Rhys Dylan Grech ħallasha sehemu (nofs) ta' dak li jispetta lilha. mentri l-konvenuta ilha snin twiegħed li ser tħallas sehemha (in-nofs l-ieħor) imma qatt ma ħallset xejn. Għal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali, il-konvenuta kienet talbet lill-attriċi ċ-ċavetta taparsi għal mument temporanju, imma mbagħad ma tathielha qatt lura.

Għalhekk l-attriċi llum qed tiġi mċaħħda mid-dritt ta' abitazzjoni minn dik li kienet id-dar matrimonjali.

L-attriċi interpellat lill-konvenuta kemm għall-ħlas tal-leġittima spettanti lilha kemm għall-ispejjeż, kif ukoll għaċ-ċavetta tal-fond 68. The Garland, Triq is-Sebuqa, San Ġwann , iżda il-konvenuta baqgħet inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara li għandha dritt ta' leġittima kontra l-werrieta ta' żewġha Carmel Grech li miet fiI-21 ta' Lulju 2008;

(2) Tiddikjara li l-ispejjeż li nkorriet l-attriċi f'isem ulied Carmel Grech l-mewt tal-istess Carmel Grech huma dovuti jiġu rimborsati lilha mill-werrieta ta' Carmel Grech, inkluża l-konvenuta;

(3) Tillikwida l-ammont li l-konvenuta, qua werrieta ta' Carmel Grech, hi dovuta tħallas lill-attriċi kemm bħala leġittima kif ukoll bħala rimborż għall-ispejjeż li hija għamlet in konnessjoni mal-mewt tal-imsemrni Carmel Grech;

(4) Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somom likwidati skont it-tielet talba.

(5) Tiddikjara li l-attriċi għandha dritt ta' abitazzjoni fil-fond 68, The Garland, Triq is-Sebuqa, San Ġwann.

(6) Tordna lill-konvenuta tirrilaxxa l-fond 68, The Garland, Triq is-Sebuqa, San Ġwann, u tirritorna ċ-ċwievet relattivi lill-attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Ġunju 2018, l-ittra uffiċjali ta' Ġunju 2018 kontra l-istess konvenuta, u bl-interessi skont il-liġi kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Cheryl Anne Grech (40094M) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-eċċepjenti taqbel li l-attriċi għandha jedd għas-sehem riżervat bil-liġi fuq l-assi ereditarju ta' missierha Carmel Grech, u li diġa' kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-ammont dovut.
Għalhekk, l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet huma superfluwi.

2. Kwantu għall-ħames u s-sitt talbiet attriċi, dan il-ġudizzju mhux integru billi hemm eredi ieħor ta' Carmel Grech, u komproprjetarju wkoll tal-fond 68, The Garland, Triq is-Sebuqa, San Ġwann, li mhux parti f' din il-kawża.

3. Mingħajr preġudizzju fil-mertu, il-ħames u s-sitt talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi l-attriċi minn jeddha vvakat mill-fond imsemmi, u ilha issa tmien snin tgħix volontarjament fi proprjeta' oħra, u għalhekk minn jeddha rrinunzjat għal kull pretensjoni li seta' kellha fuq id-dar proprjeta' tal-eċċepjenti u ħuha.

4. F'kull każ, mhux minnu li l-eċċepjenti zammet iċ-ċwievet ta' din id-dar kontra l-volonta' tal-attriċi. L-eċċepjenti kienet talbet iċ-ċwievet wara li l-attriċi marret tgħix band'oħra, u kienet l-attriċi nnifisha li volontarjament għaddiethom lill-eċċepjenti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Rhys Grech (254887M), kjamat fil-kawża, li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. L-eċċipjenti ġia ħallas dak dovut mis-sehem tiegħu bħala sehem riservat lill-attriċi għal dak li jikkonċerna lilu u dan kif jidher mill-kuntratt ta' bejgħ u datio in solitium, in atti n-Nutar Dottor Roland Wadge, datat, sebgħa u għoxrin ta' Novembru elfejn u tmienja

(27/11/2008). Kopja tal-kuntratt hija esebita u mmarkata bħala Dok "RG 1".

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti jirrileva dwar il-ħames (5) u sitt (6) talbiet tal-attriċi, li kienet l-istess attriċi li vvakat b'mod volontarju mill-fond imsemmi u li issa ilha madwar tmien (8) snin jew aktar ma tirrisjedi fil-fond, 68, 'The Garland', Triq is-Sebuqa, San Ġwann.

3. In oltre, l-eċċepjenti jiċħad bil-qawwa kollha li hu qatt żamm iċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni kontra l-volinta` tal-attriċi.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, dawn: Iż-żewġ konvenuti huma l-uniċi wlied ta' Carmel sive Lino Grech mill-ewwel żwieġ tiegħu. Lino Grech romol u żżewweġ lill-attriċi, li kienet tabita miegħu fid-dar 68, The Garland, Triq is-Sebuqa, San Gwann, sakemm miet. B'testment sigriet ħalla liż-żewġt uliedu werrieta u lill-attriċi ma ħallielha xejn. Wara mewtu ħadet ħsieb uliedu partikolarment il-konvenuta li kienet għadha minorenni. Wara xi żmien inqala' xi diżgwid bejnha u l-ulied. Hija ħarġet mid-dar konjugali u marret toqgħod band'oħra. Eventwalment talbet iċ-ċavetta tad-dar iżda l-konvenuti ma tawhiliex lura. L-attriċi għamlet xi spejjeż in konnessjoni mal-wirt ta' żewġha. Il-konvenut ħallasha ta' sehemu mil-leġittima spettanti lilha u tal-ispejjeż li nkorriet in konnessjoni mal-eredita` ta' żewġha. Il-konvenuta m'għamlitx l-istess. L-attriċi ppretendiet li għandha dritt tgawdi l-abitazzjoni tad-dar konjugali inkella tingħata kumpens għall-istess. Saru trattattivi bejn il-partijet, ġie abbozzat ftehim iżda ma ġiex iffirmat minħabba nuqqas ta' qbil dwar jekk l-ammont miftihem kienx jinkludi kumpens minflok l-abitazzjoni.

Ikkunsidrat:

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali kienet akkwistata f'ishma ndaqs bejniethom mid-*decujus* u l-ewwel mara tiegħu waqt iż-żwieġ tagħhom[1] u li sehem l-ewwel mara wirtuh iż-żewġ uliedhom, atturi f'din il-kawża, u li għalhekk id-decujus kien sid ta' nofs indiviż biss mill-istess dar. Iqum għalhekk il-kweżit jekk il-preċitat Art. 633(1) japplikax meta l-proprjeta` ma tkunx kollha tad-decujus iżda tkun parti tiegħu u parti ta' terzi persuni. Din il-kwistjoni jidher li sfuġġiet lill-partijiet fil-kawża. Il-konvenuta donnha ħaditha *for granted* li l-attriċi tassew kellha, inizjalment, id-dritt għall-abitazzjoni li eċċepiet li kienet tilfet billi rrinunzjat għalih. Il-Qorti iżda hija obbligata tapplika l-liġi t-tajba applikabbli għall-fattispeċje materjali tal-każ independentement minn x'jaħsbu l-partijiet.

Skont Artiklu 633(1) tal-Kodiċi Ċivili, "**Min jibqa' ħaj mill-miżżewġin ikollu jedd li jabita fil-post li jkun jintuża bħala r-residenza prinċipali ta' dak li jibqa' ħaj, <u>meta dak il-post ikun ta' proprjeta`</u> assoluta ta' jew miżmum b'enfitewsi <u>mill-parti li tmut jew waħedha jew flimkien ma' min jibqa' ħaj</u>".**[2]

Id-disposizzjoni msemmija ġiet introdotta fil-Kodiċi Ċivili tagħna fil-1993.[3] Il-Qorti rriċerkat id-dibattitu parlamentari rilevanti iżda dan ma jitfa' l-ebda dawl fuq l-ipoteżi li fond ma jkunx jappartjeni kollu lid-decujus imma jkun komuni ma' terzi persuni. Probabilment li hu mnebbaħ mill-Kodiċi Ċivili Taljan, li **l-Artiklu 540** tiegħu jiddisponi hekk għal dak li hu rilevanti għal dan il-kweżit: ***"Al coniuge, anche quando concorra con altri chiamati, sono riservati i diritti***

[1] Ara l-kuntratt tas-7 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor John Bisazza esibit mill-attriċi permezz ta' nota fit-3 ta' Diċembru 2021, u n-nota tal-konvenuta tat-2 ta' Diċembru 2021.
[2] Sottolinear miżjud mill-Qorti.
[3] Att XXI.1993.68. Dan ġie emendat permezz ta' Att XVIII.2004.72.

***di abitazione sulla casa adibita a residenza familiare… se di proprieta` del defunto o comuni…"***[4]

Huwa kontrovers fid-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana jekk "*comuni*" tfissirx komuni mal-konjugi superstiti nkella wkoll komuni ma' terzi persuni.[5] Skont **Mirone,** probabbilment il-leġislatur kien qed jirreferi għall-ipotesi l-iktar naturali, dik ta' komproprjeta` mal-konjugu superstiti, u mhux ukoll ma' terzi.[6]

Il-**Bianca**[7] huwa iktar kategoriku fejn tidħol il-qagħda tal-ġurisprudenza: *"Puo' trattarsi anche della casa che il defunto aveva in comunione col coniuge superstite, mentre la giurisprudenza nega che il diritto di abitazione e di uso possa essere fatto valere su beni che il defunto aveva in comproprieta` con terzi.*[8]

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kontroversja m'hemmx lokha fil-kuntest Malti, għaliex il-leġislatur tagħna neħħa kull ekwivoku billi minflok il-kliem "***se di proprieta` del defunto o comuni…"*** uża l-kliem "**jew waħedha jew flimkien ma' min jibqa' ħaj".** M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tifsira litterali u

---

[4] Sottolinear miżjud mill-Qorti.
[5] Favur: **Gabrielli,** u C 04/14594 li tgħid li f'każ bħal dan id-dritt t'abitazzjoni jiġi kkonvertit f'wieħed monetarju. Kontra**: Ferri**, *Dei Legittimari,* Comm SB, 58; C 00/8171. Riportati fiċ-**Cian & Trabucchi**, *Commentario Breve al Codice Civile* fil-kummenti dwar Artiklu 540 tal-Kodiċi Taljan. Ara wkoll is-segwenti kumment iktar estensiv ta' **G. Bonilini & M. Confortini**, *Codice Commentato delle Successioni e Donazioni* 2a edizione (2011), paġna 425: Qualche incertezza sussiste sul significato da attribuire al presupposto, richiesto dalla norma, che la casa e i mobili siamo, se non di proprieta` esclusiva del defunto, almeno "comuni". Si e` rilevato che probabilment il legislatore se e` riferito all'ipotesi piu` naturale, quella di comproprieta` tra i coniugi, considerando anche il nuovo regime della comunione legale, tuttavia non sembra che vi passano essere argomenti per escudere che i dritti di abitazione e di uso spettino al coniuge anche se la casa e i mobili siano in comproprieta` con un terzo (Mirone, 123 ss.) Su questo linea e` la dottrina prevalente, in quanto si ritiene che il diretto del comproprietario estraneo, il quale fino al momento dell'apertura della succesione aveva goduto dei beni in modo in diretto oppure promiscuo, rimane comunque impregiudicato (Gabrielli, Dei legittimari 57; Mengoni, Successione legittimi, 177, nt. 59; Palazzo, Le successione, in Tratt. Iudica, Zatti, I, 2a ed., Milano, 2000, 469 Frezza, 236 ss.; Mascheroni, Art. 540 Riserva a favore del coniuge, 563 s.). Per altri, invece, e` inammissible che il terzo comproprietario trovi la sua quota gravata di un diretto reale parziale (M. Finocchiaro 2295 ss.; Azzariti, Iannaccone, 99 ss.; Capozzi, 275 ss.).
In giurisprudenza prevale l'orientamento secondo cui i diritti di abitazione e di uso possono trovare concerta realizzazione solo se la casa e l' arrendamento appartenevano al de cuius, oppure in comunione a questi e all'altro coniuge (C., 23,5,2000, n. 6691: C., 22.7.1991, n. 8171; T. Roma, 26.3.2003; T. Nocera Inferiore, 4.10.2000), con la conseguenza che, ove per l'indivisibilita` dell'immobile questo venga assegnato ad altro condividente, al coniuge deve attribuirsi l'equivalente monetario di quei diritti (C., 10.3.1987, n. 2474), e lo stesso principio viene applicato anche nell'ipotesi di vendita all' incanto (C 30.7.2001, n. 14594).
[6] Ara l-kwotazzjoni minn Bonilini & Confortini f'nota 5 supra. Dibattitu iktar approfondit jinstab fl-opra *Proprieta` e Diritti Reali* diretta minn Renato Clarizia (2016) para. 74, paġni 1736 et seq.
[7] C Massimo Bianca, *Diritto Civile*, Vol 2.2, *Le Successioni*, 5th ed. (2015), para 106, paġna 179-180.
[8] C. 23 maggio 2000, n. 6691, in Gciv. 2000, I, 2911.

naturali tal-kelma "waħedha" teskludi neċessarjament it-terzi. Din il-Qorti irnexxielha titraċċja biss sentenza waħda li ttrattat dan il-punt, u li eskludiet id-dritt t'abitazzjoni meta d-dar matrimonjali kienet tappartjeni lid-decujus flimkien ma' terzi.[9]

Għalhekk, kull dibattitu jekk il-konvenuta tilfitx il-jedd tal-abitazzjoni huwa superfluwu għaliex qatt ma kellha dan il-jedd.

Il-konvenut Rhys Dylon Grech, ħu l-konvenuta Cheryl Anne Grech, ħallas €12,238 bħala sehmu (in-nofs) mil-leġittima dovuta lill-attriċi. In-nofs l-ieħor hu dovut minn Cheryl Anne, li ma kkontestatx li hija dovuta l-leġittima. Hija eċċepiet li kien hemm qbil dwar l-ammont. Minn ittra uffiċjali ta' Ġunju 2018 – hemm esibita biss kopja informi, mingħajr data preċiża - jirriżulta li l-attriċi tippretendi €7,193 spejjeż tan-Nutar u €55 spejjeż tal-perit; b'total ta' €19,486. Anke jekk ma nġibitx l-aħjar prova tal-komputazzjoni tal-leġittima u tal-ispejjeż, u lanqas l-ammont dovut, fuq bilanċ ta' probabbilita` preżumibilment l-ammonti ċċitati fl-ittra uffiċjali wieħed korrett anke għaliex huwa daqs dak aċċettat u mħallas mill-ko-werriet l-ieħor Rhys Dylan Grech.

Il-kjamat fil-kawża Rhys Dylan Grech tħarrek inutilment fuq talba tal-attriċi u għalhekk l-ispejjeż tiegħu għandha tbatihom hi.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tal-kjamat fil-kawża safejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza; u

[9] Sentenza in parte - Dr. Kevin Mompalao v Vincenza Grech 25.04.2008 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Mag. Paul Coppini.

2. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li l-attriċi għandha dritt ta' leġittima kontra l-werrieta ta' żewġha Carmel Grech li miet fil-21 ta' Lulju 2008.

3. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li nofs l-ispejjeż li nkorriet l-attriċi f’isem ulied Carmel Grech konnessi mal-mewt tal-istess Carmel Grech għandhom jiġu rimborsati lilha mill-konvenuta.

4. Tilqa’ t-tielet talba billi tillikwida l-ammont ta’ €12,238 li l-konvenuta hi dovuta tħallas lill-attriċi bħala leġittima u €7,248 spejjeż in konnessjoni mal-mewt tal-imsemmi Carmel Grech.

5. Tilqa’ r-raba’ talba u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somom likwidati skont it-tielet talba.

6. Tiċħad il-ħames u s-sitt talbiet.

L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Ġunju 2018, l-ittra uffiċjali ta' Ġunju 2018 jinqasmu kwart għall-attriċi u tliet kwarti għall-istess konvenuta, ħlief għal dawk tal-kjamat fil-kawża li huma a kariku tal-attriċi bl-interessi skont il-liġi mid-data tal-ittra uffiċjali msemmija sad-data tal-ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA